MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2007

Numru. 627/2006

PULIZIJA
SPETTUR JESMOND J BORG
VS
DIONIZIO FARRUGIA
WAYNE FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Dionizio Farrugia, ta’ 48 sena, bin John u Mary nee’ Farrugia, imwieled Imqabba nhar l-20 ta’ Mejju 1957, u residenti 4, Charmonix, Triq in-Nazzarenu, Imqabba, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 353657(M); kif ukoll Wayne Farrugia, ta’ 21 sena, bin Dijonisju u Josephine nee’ Aquilina, imwieled Pieta’ nhar it-30 t’April 1985 u residenti 4, Charmonix, Triq in-Nazzarenu, Imqabba, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 260185(M), u akkuzati:

(a) talli fit-18 ta’ Mejju 2006, ghal habta tat-8.30pm, fi Triq l-Indipendenza, Zebbug, uzaw vjolenza sabiex igieghlu lil Ludwig Dimech jaghmel, ihalli jsir jew jonqos milli jaghmel xi haga skond l-Artikolu 251(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament, ikkagunaw ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Ludwig Dimech, hekk kif iccertifika t-tabib Dr C.M Sciberras M.D, skond l-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

(c) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, heddu lil Ludwig Dimech bi kliem;

(d) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbew ghal Ludwig Dimech sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlulu hsara;

(e) u aktar talli kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

U lil Dennis Farrugia wahdu:

(f) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f’idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjon barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu skond l-Artikolu 3(1A) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Ludwig Dimech skond l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 3) u tal-imputati (a fol 12 u 13) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi minhabba li l-kwerelant Ludwig Dimech ghazel li ma jixhidx kontra l-imputati, u stante li kien hemm proceduri kriminali kontra tieghu, u l-imputati rrinunzjaw ghall-proceduri kriminali kontra tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputati mhux hatja skond l-akkuza u tilliberahom fuq nuqqas ta’ provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------